MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Mario Agius
vs
Chairman Telemalta Corporation u b'digriet tas-16 ta' Dicembru 1999 giet korretta ghal Maltacom p.l.c. bhala successur tal-istess

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1988 u l-1995 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma nghatax l-opportunita` li jattendi ghal tahrig barra minn Malta u f'li ma nghatax promozzjonijiet li kien jikkwalifika ghalihom.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent dahal jahdem mat-Telemalta fl-1986 bhala Telecom Technician. F'Awissu ta' l-1988 hargu sejhiet

ghal korsijiet ta' tahrig fuq l-AXE. Dan it-tahrig kien se jinghata kemm f'Malta kif ukoll fl-Italja.

Ir-rikorrent kien applika diversi drabi u ghamel l-interviews mehtiega izda qatt ma nghata din l-opportunita`. Meta hargu r-rizultati dejjem irrizulta li r-rikorrent kien gie maqbuz min-nies li ma kellhomx esperjenza u lanqas kwalifiki daqsu. Kieku inghata din l-opportunita` li jiehu dan it-tahrig, kieku llum ir-rikorrent jokkupa kariga ferm ahjar milli qieghed jokkupa bhalissa.

Ghaldaqstant hass li hu gie mtellef l-opportunita` li javvanza fil-karriera tieghu ingustament minhabba t-twemmin politiku tieghu u b'hekk sofra danni finanzjarji kbar.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jigi kkompensat ghal dak kollu li gie mtellef ingustament jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-intimat li biha eccepixxa:

1. Illi l-Korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent fit-termini tal-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

2. Illi r-rikorrent kien zbaljat fil-fatti esposti minnu. Fi Frar 1989 kienu hargu hames sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghal tahrig fuq is-sistema l-gdida tat-telephones. Ir-

rikorrent kien gie maghzul ma’ tnax ohra minn Bord ta’ l-ghazla biex jaghmel kors f’Malta. Ir-rikorrent attenda ghal dan il-kors fit-Training Institute f’Pender Place matul April 1989. Wara dan il-kors intaghzlu l-ahjar seba’ biex ikomplu t-tahrig barra minn Malta. Ir-rikorrent ma kienx fost dawk li kkwalifika ma’ l-ewwel seba’. Minkejja dan ir-rikorrent kien attenda t-tieni parti tal-kors lokalment f’Mejju ta’ l-1989.

3. F’Gunju 1989 kien hemm sejha ohra ghal tahrig u ghalkemm ir-rikorrent kien applika, ma kellux puntegg bizzejjed biex jigi maghzul mill-Bord tal-Ghazla.

4. F’Jannar 1990 inghata refresher course lil numru ta’ applikanti fosthom ir-rikorrent pero` meta ghamlu l-ezami sabiex jintaghzlu 13-il technician biex jiehdu l-kors barra minn Malta, ir-rikorrent ma ntaghzilx ghaliex gie l-14-il wiehed.

5. Ghaldaqstant il-Korporazzjoni talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li dahal jahdem mat-Telemalta fl-1986 bhala Telecom Technician I li jinvolvi fl-installazzjoni tat-telephone exchanges. Semma li kien jaghmel xoghlu bis-serjeta` u kien kuntent b’dan ix-xoghol u qatt ma kellu lmenti jew tgergir mis-superjuri tieghu u qatt ma lmenta dwar il-kundizzjoni tax-xoghol tieghu.

Fl-1987 kienet harget sejha ghall-applikazzjoni ghall-promozzjoni u r-rikorrent kien sar Telecom Technician III permezz ta' interview u fuq bazi ta' kwalifiki. Minn dak l-istudju beda jahdem fuq bazi ta' shift. Hu qal li fl-exchange kien ikun wahdu u meta jinqala` xi fault kien responsabbli ghalih hu u dan ix-xoghol kien ta' responsabilita` kbira. Hadd ma kien imharreg u kienu jitghallmu b'dak li jinqala', ghalhekk inhasset il-htiega li jsir xi forma ta' tahrig u l-ewwel tahrig li sar kien jissejjah tahrig fuq l-Strowger. Wara ftit hargu l-applikazzjonijiet biex isir kors fuq il-Basic Digital Switching System u r-rikorrent applika u gie accettat. F'Marzu 1989 harget applikazzjoni ghall-kors barra fl-AXE 10 Switching u kien intaghzel minhabba li kellu l-Final Certificate komplut. Fit-3 ta' April 1989 beda jsir dan il-kors u kien hemm zewg persuni Kalcidon Cini u Michael Zammit, li kienu qed jattendu izda dawn ma kellhomx il-kwalifiki necessarji u mehtiega. Xi nofs siegha wara li sar l-ezami, minghajr ma' kien ghadu hareg ir-rizultat, kienu qassmu lin-nies kief riedu huma. Tnejn mill-Inginiera, S.Gatt u J.Galea ma kienux qadu ghall-ezami izda xorta wahda ntghazlu biex isiefru ghal dan il-kors u min siefer minn ta' l-ewwel iddahhal f'xift u dawk li bhar-rikorrent ma ntghazlux thallew barra. Dak li ezaminhom kien instructor Taljan Mr. Biagini.

F'Gunju 1989 kienet saret sejha ohra izda peress li r-rikorrent kien ghamel l-istess kors qabel ma ntghazilx u dik id-darba ma kienux intalbu kwalifiki. Regghu ma hargux rizultati u n-nies intghazlu b'telefonata. Hafna minn dawk li ntghazlu ma kienux jafu xejn u l-anqas fehmu l-kors. Semma li Pierre Camilleri ghalkemm ma kienx attenda l-kors regolarment xorta ntghazel biex isiefer. Ir-rikorrent qal li l-kors kien jafu bl-amment, kien jaf l-ezami sewwa u ma setax imur hazin. Kien hemm min kellu rank inqas minnu u gie maghzul fosthom George Calafato li kien TOII, Charles Tonna li kien TTIII bhar-rikorrent u Pierre Camilleri li kien TTI. Sostna li dawn ma kienux jafu fuq computers ghax hu kien jahdem maghhom. Il-kors Malta kien ta' gimghatejn. Hu applika ghal aktar minn kors wiehed izda ntghazel ghal dak tal-linja tieghu, cioe` ta' l-AXE Switching. Ftakar li fl-interview

kienu ghamlu enfazi kbira biex ikun fluwenti fil-lingwa taljana u r-rikorrent kien fluwenti fiha u ma setax jifhem ghalfejn ma ntghazilx biex jitharreg barra, u b'din l-ingustizzja hu gie umiljat u tilef l-opportunita` li javvanza aktar fil-karriera tieghu. Qal li l-istess sitwazzjoni rrepetiet ruhha t-tieni darba. F'Ottubru 1993 kellu l-opportunita` jattendi kors fil-kompjuters imniedi mill-Universita`. Ghalkemm talab ghal sena unpaid leave gie rifjutat u r-raguni li nghata kienet li r-rikorrent kien indispensabbli. Qal li l-ingustizzji saru minhabba motivi politici.

Xehed Marco Grech li semma li jahdem mal-Maltacom bhala STO u ilu mill-1996 pero` qabel kien jahdem mat-Telemalta u beda bhala student fl-1985. Lir-rikorrent jafu bhala kollega tieghu fuq l-AXE System. Semma li fl-1989 kien hemm l-applikazzjonijiet biex immorru ghall-korsijiet barra minn Malta fuq dik is-sistema u bejn wiehed u iehor jahseb li kienu applikaw xi 20 u 10 kienu ntghazlu biex imorru ghall-kors barra minghajr ebda raguni valida u 10 le, fosthom ir-rikorrent u x-xhud. Il-vantaggi tal-kors kienu li tidhol fix-shift system u ghalhekk ikollok remuneration ahjar u c-chances ta' promotion jizdiedu. Ma jafx x'kienu l-kriterji ta' kif intghazlu n-nies. Qal li huma kienu qadu ghall-ezami intern u rizultat qatt ma hareg. Min intaghzel kien ircieva telefonata.

Is-sistema tal-AXE hija sistema importanti u jekk jittiehed zball jista' jwaddab nofs is-sistema ta' Malta barra. Kien hemm xi 25 persuna involuti fl-AXE u kollha kienu qadu ghall-ezami. Semma li korsijiet kien hemm aktar minn wiehed u kemm ix-xhud kif ukoll ir-rikorrent kienu applikaw. Semma li t-tip ta' xoghol tar-rikorrent kien tajjeb. Dawk li kienu fix-shift u li ghamlu l-kors kienu jahdmu on a maintenance level waqt li huma kienu jaghmlu d-dirty work.

Semma li fl-1996 huma hadu l-promozzjoni. Il-Maltacom kienet iddecidiet li tamalgamahom mal-grupp l-iehor u fil-fatt gew fil-pozizzjoni taghhom regolarizzata pero` kienu tilfu hames snin allowance. Ghalhekk meta ma ntghazlux biex imorru jaghmlu l-kors barra huma tilfu l-promotion bil-konsegwenza li tilfu shift allowance ghal hames snin

skorruti, liema allowance kien ilahhaq ghas-somma ta’ xi Lm1000 fis-sena.

Xehed Michael Bonnici li semma li jahdem mal-Maltacom bhaa Senior Technical Officer f’Scale 10 u ilu mal-Maltacom ossija Telemalta mill-1980. Qal li lir-rikorrent ilu jafu minn xi l-1989 ghax huma kienu jahdmu fl-exchange ta’ B’Kara pero` mhux fl-istess dipartiment. Ix-xhud kien Technical Officer I waqt li r-rikorrent kien Telecom Technician III u b’hekk ix-xhud kien grad ‘il fuq mir-rikorrent.

Semma li fl-1989 il-Maltacom kienet harget sistema ta’ tahrig fuq is-sistema AXE fejn ix-xhud kien applika u kienu saru l-interviews u kienu ntghazlu bejn wiehed u iehor xi 15. Il-kors kien sar minn Inginier Taljan certu Mr. Biagini. L-inginier Muscat kien qalilhom li mhux ser isir ezami. Wara li beda l-kors kienu marru xi 5 godda u meta ra li zdied in-numru ta’ l-applikanti kien gie deciz li jsir ezami.

Qal li kienu gew imqassma f’zewg gruppi ta’ xi 10 ‘l wiehed. Ix-xhud u r-rikorrent kienu fit-tieni grupp. Meta gew biex ikomplu l-kors gew infurmati li dawk li kienu fl-ewwel grupp kienu gja gie deciz li kienu sejrin isiefru u ghaldaqstant huma ma riedux jaghmlu l-ezami izda dahlu ghall-ezami, kitbu fuq il-karta ‘protesta’ u hargu l-barra. Semma li hemm hu kif ukoll ir-rikorrent kienu ghamlu l-protesta fuq il-karta meta sar l-ezami, fl-ewwel wiehed. L-ewwel grupp kienu ghamlu l-ezami.

Dawk li kienu ntghazlu kienu kollha tal-ewwel grupp izda fost dawk li kienu gew imdahhlin mat-tieni grupp kien hemm certu Charles Cassar li kien siefer mal-ewwel grupp pero` ma jafx xi kwalifiki kellu. Dawk li siefru kollha kienu jahdmu bix-shift waqt li huma bid-day duty. Semma li kienu jiehdu xi Lm40, Lm50 jew aktar fix-xahar dawk li kienu bix-shift u li kienu barra minn Malta.

Xi disa’ xhur wara kien rega’ sar kors kiehor il-Maltacom. Minn dawk l-10 kienu fit-tieni grupp u li regghu ghamlu l-kors u l-ezami kien hemm min ghadda u min le. Ix-xhud ghadu ma jafx jekk ghaddiex jew le u lanqas x’ghamel ir-

rikorrent. Sostna li r-rikorrent xoghlu dejjem ghamlu tajjeb u qatt ma kien hemm ilmenti fuqu. Ma jafx xi kwalifiki kellu r-rikorrent izda kien hemm zmien fejn ghamel xi kors fuq xi computers u anke kien imur l-Universita` pero` ma jafx aktar.

Xehed David Buttigieg li semma li fl-1 ta' Frar 1989 kienu hargu hames sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghal tahrig fuq is-sistema l-gdida tat-telephones. Wahda minnhom li kien applika ghaliha r-rikorrent kienet ic-cirkolari tal-Management numru 6/89 ghal tahrig fuq is-sistema digitali AXE10. Fit-23 ta' Frar 1989 inhatar bord sabiex jaghzel dawk l-impjegati li kellhom jattendu dawn il-korsijiet fejn issottometta r-rapport tieghu fit-23 ta' Marzu 1989. Ipprezenta Dok DB2, kopja tar-rapport datat 23 ta' Marzu 1989 fejn hemm indikat il-kandidati li ghaddew b'success. L-ewwel tlettax kellhom jattendu l-kors lokalment. Ir-rikorrent kien gie t-tlettax–il wiehed u kien wiehed minn dawk li attenda ghall-kors u gab 67 marka. Ipprezenta dok DB3, l-ordni tal-mertu kif gabu l-marki l-applikanti. Qal li r-rikorrent ma kkwalifikax biex jigi kunsidrat ghal aktar tahrig barra minn Malta peress li ma giex mal-ewwel 10. Minn dawn l-10 kellhom jintghazlu biss 7. L-ahhar wiehed li kkwalifika kellu 68 marka u kien A. Hili.

Semma li fit-8 ta' Gunju 1989 kienet harget sejha ohra ghall-applikazzjonijiet ghal aktar tahrig fuq is-sistema l-gdida tat-telephones u r-rikorrent kien rega' applika. Ipprezenta Dok DB6 kopja tar-rapport tal-bord ta' l-ghazla datat Dicembru 1989 fejn hemm indikat dawk il-kandidati fosthom ir-rikorrent li ma nghatux puntegg peress li kienu gja attendew training course lokali fuq l-AXE10.

Fl-4 ta' Jannar 1990 is-Sur Godwin Ellul li dak iz-zmien kien is-Segretarju tal-Bord kien analizza r-rapport tal-bord ta' l-ghazla u eventwalment baghat is-suggerimenti tieghu lill-General Manager. Ipprezenta Dok DB7 u f'dan ir-rapport hemm referenza ghar-rikorrent fejn intqal li r-rikorrent li kien diga` attenda ghall-kors ghandu jkun provdut b'refresher course. B'rizultat ta' dan fit-12 ta' Jannar 1990 is-Sur Godwin Ellul kien informa lis-Sur A. Mule` Stagno sabiex jorganizza refresher course lil dawk

it-technicians inkluz ir-rikorrent li kienu ser jinghataw l-opportunita` jaghmlu l-ezami ma' dawk maghzula ghall-kors. Ir-refresher course sar bejn id-29 ta' Jannar 1990 u t-23 ta' Frar 1990. Ipprezenta dok DB9 li huwa r-rizultat tal-ezami sabiex jintghazlu tlettax-il technician sabiex jiehdu l-kors barra minn Malta. Ir-rikorrent ma kkwalifikax peress li kien gie fl-14-il post. Peress li kien rrakkomandat li jintghazlu 17-il persuna, 4 inginiera, tliet T.O. III u 10 technicians u fil-fatt intghazlu biss zewg inginiers u zewg T.O. III, d-differenza ta' tlieta mtliet minn technicians li mal-10 sabiex gew 13.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk irrizulta li diversi drabi r-rikorrent applika u ghamel interviews biex jintbaghat jaghmel korsijiet barra minn Malta halli javvanza. Mir-rizultati esebiti jidher li r-rikorrent kien vicin hafna li jikkwalifika aktar minn darba.

Izda fir-rikors ir-rikorrent allega li kien gie maqbuz minn nies li ma kellhoms esperjenza u lanqas kwalifiki daqsu u ghalhekk kien gie mtellef l-opportunita` li javvanza fil-karriera tieghu ingustament minhabba t-twemmin politiku tieghu u b'hekk sofra danni finanzjarji kbar. Izda fil-kors tal-kawza imkien ma gab provi ta' dak li allega u cioe' li gie maqbuz minn nies li ma kellhomx esperjenza u lanqas kwalifiki daqsu. Irrizulta li hu kien jahdem tajjeb u li kien wasal vicin biex jikklassifika tajjeb izda mhux sufficjenti biex jista' jghid li gie maqbuz minn nies li ma kellhomx esperjenza u lanqas kwalifiki daqsu. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------